

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

10161/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0423(COD)

---

---

ENER 299  
CLIMA 283  
ENV 605  
COMPET 494  
RECH 373  
AGRI 252  
RELEX 793  
CODEC 902  
IA 93

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15063/1/21 REV 1 + REV 1 COR 1 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan - Rapport ta' progress

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Regolament dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija fl-14 ta' Diċembru 2021, fil-qafas tal-pakkett dwar il-klima "Lesti għall-Mira ta' 55 %" li għandu l-għan li jimplimenta l-Patt Ekoloġiku Ewropew bil-ħsieb li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050. Dan il-pakkett leġiżlattiv isegwi l-oġġettiv intermedju ta' tnaqqis nett fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030.

2. Il-metan huwa gass serra, it-tieni l-aktar importanti wara d-dioossidu tal-karbonju fl-impatt għat-tibdil fil-klima, b'kontribut ta' madwar terz tat-tiġin attwali tal-klima. Għalkemm attivitajiet oħra tal-bniedem, bħall-agrikoltura (prinċipalment it-trobbija tal-bhejjem) u l-ilma mormi, jikkontribwixxu għall-emissjonijiet tal-metan, it-tnaqqis l-aktar kosteffettiv li jista' jitwettaq malajr jista' jinkiseb fis-settur tal-enerġija.
3. Ir-Regolament jipprevedi preċiżjoni mtejba tad-data dwar is-sorsi ewlenin tal-emissjonijiet tal-metan relatati mal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija fl-UE. Dan jimponi wkoll fuq is-setturi taż-żejt, tal-gass u tal-faħam l-obbligu li jikkwantifikaw l-emissjonijiet tal-metan tagħhom kif ukoll regoli għad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet tal-metan. Qed jiġu proposti wkoll standards biex jiġu limitati l-ivventjar u l-ivvampjar. It-test jistabbilixxi wkoll il-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti dwar l-ispezzjonijiet u l-ilmenti, kif ukoll ir-rwol tal-verifikaturi u l-proċeduri għall-verifika tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan dikjarati mill-operaturi.
4. Fir-rigward tal-emissjonijiet tal-metan barra mill-UE, ir-Regolament jintroduċi strumenti ta' trasparenza: obbligu ta' informazzjoni mill-importaturi tal-fjuwils fossili fir-rigward tal-emissjonijiet tal-metan, lista ta' trasparenza tal-kumpaniji tal-Unjoni u l-pajjiżi u l-kumpaniji li jespportaw l-enerġija fossili lejn l-Unjoni, inkluż informazzjoni dwar l-obbligi ta' rapportar internazzjonali tagħhom u għodda ta' monitoraġġ fil-livell dinji, abbażi ta' data satellitari, bil-għan li jiġu ppublikati d-daqs, ir-rikorrenza u l-post tal-emittenti tal-metan.
5. Id-dispożizzjonijiet finali tal-proposta jipprevedu prinċipji gwida fir-rigward ta' sanzjonijiet, filwaqt li jirrikonoxxu li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet hija kompetenza nazzjonali. Id-dispożizzjonijiet tagħha fihom ukoll is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, kif ukoll klawżola ta' rieżami.

6. Fit-3 ta' Marzu, il-Kunsill ikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u lill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (KtR). Il-KESE jistma li, fil-livell dinji, l-UE hija responsabbli għal 5 % biss tal-emissjonijiet tal-metan u li l-biċċa l-kbira tal-emissjonijiet jiġu mill-importazzjonijiet tal-gass naturali minn barra l-UE. Għalhekk, approċċ internazzjonali li jinkludi l-importazzjonijiet tal-enerġija jibqa' essenzjali. Il-KESE jissottolinjaw wkoll il-ħtieġa li jiġu stabbiliti skadenzi xierqa għall-ispezzjoni għall-installazzjonijiet tal-gass, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-kundizzjoni teknika tagħhom u l-età tagħhom. Inizjattivi bħall-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan (IMEO), kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji satellitari għad-detezzjoni ta' nixxijiet minnhom, għandhom jiġu ssimplifikati u prijoritizzati. L-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni għadha ma ġietx ippubblikata.
7. Fit-2 ta' Ġunju, l-eżami ta' din il-proposta mill-Parlament Ewropew ġiet attribwita kemm lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) kif ukoll lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE). Fil-Kumitat ENVI, ir-rapporteur hija Silvia Sardone (IT, ID), filwaqt li fil-Kumitat ITRE din hija Jutta Paulus (DE, Ħodor).
8. Dan ir-rapport iqis is-sitwazzjoni attwali u l-kwistjonijiet ewlenin diskussi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill (TTE - Enerġija) huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.

## **II. BAŻI LEGALI**

9. Xi Stati Membri talbu l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar il-bażi legali tat-test li huma qiesu aktar bħala ambjent milli enerġija. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ta l-opinjoni tiegħu bil-miktub fit-3 ta' Ġunju 2021 (id-dokument 9806/22).

### **III. SITWAZZJONI ATTWALI**

10. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fis-7 ta' Frar 2022. Il-ħidma wasslet għal eżami dettaljat tal-artikoli fit-test. Matul dawn il-laqgħat, id-delegazzjonijiet esprimew l-interess u l-appoġġ tagħhom għall-miżuri ta' kwantifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Saru diskussjonijiet estensivi dwar l-ivvampjar, fis-setturi kollha, u l-ivventjar, b'mod partikolari fil-każ tal-minjieri, kif ukoll dwar il-proporzjon kostijiet-benefiċċji tal-miżuri li għandhom jiġu adottati.
11. Wara diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija u fid-dawl tal-kummenti bil-miktub ippreżentati mid-delegazzjonijiet, fl-20 ta' April il-Presidenza pproponiet test ta' kompromess (REV1) ST 8192/22, li ġie eżaminat fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fit-28 ta' April. Id-delegazzjonijiet, b'mod ġenerali, laqgħu l-emendi proposti, speċjalment fir-rigward tal-iskadenzi estiżi u l-kjarifiki li saru. Madankollu, għal xi wħud, kien jenħtieġ li jsiru xi żidiet sabiex wieħed jasal għal verżjoni sodisfaċenti tat-test. Mill-iskadenzi proposti fir-REV1, il-Kunsill kellu fehmiet diverġenti, b'xi Stati Membri jixtiequ jestenduhom aktar, filwaqt li oħrajn ħassew li ċerti skadenzi kienu twal wisq, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll tat-tiswija tat-tnixxijiet.
12. Id-delegazzjonijiet kollha għandhom riżerva ta' skrutinju u/jew parlamentari dwar it-test u għadhom qed janalizzaw id-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' Regolament.

## **A. Ħarsa ġenerali**

13. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għal miżuri mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fid-dawl tar-rwol tiegħu bħala gass serra. Huma rrikonoxxew l-importanza li l-emissjonijiet tal-metan jitnaqqsu b'mod sostenibbli sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja, jitnaqqas it-tisħin globali u tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Madankollu, l-Istati Membri ġeneralment appellaw għal viġilanza fuq il-piżijiet amministrattivi addizzjonali u l-kost tal-miżuri, b'mod partikolari tar-rapportar. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll l-importanza li jinżamm ċertu livell ta' flessibilità fl-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex jiġu rispettati l-ispeċifitàjiet nazzjonali. Id-delegazzjonijiet kellhom ukoll talbiet għal kjarifika. Huma qajmu dubji b'mod partikolari dwar l-istrument magħżul (regolament minflok direttiva), id-definizzjoni ta' bjar inattivi, id-dimensjoni internazzjonali (aċċess għad-data, riskju ta' kompetizzjoni inġusta, approċċ diplomatiku jew regulatorju), ir-rabta li tista' ssir mas-CBAM jew l-ETS, il-metodoloġiji magħżula għall-MRV (monitoraġġ, rapportar u verifikazzjoni), il-limiti tal-emissjonijiet definiti, il-frekwenza tal-verifiki u r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali.

## **B. Kwistjonijiet ewlenin**

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni (Artikolu 1)

14. Xi Stati Membri xtaqu kjarifiki dwar id-definizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, sabiex jiddelinjaw b'mod ċar l-attivitajiet u l-installazzjonijiet kollha koperti mir-Regolament. L-Istati Membri esprimew dubji wkoll dwar in-natura tal-kostijiet ikkunsidrati fit-tfassil tat-tariffi kif ukoll ir-rwol tal-ACER u l-assistenza li tista' tipprovdi lill-Istati Membri. Xi delegazzjonijiet innotaw li kien meħtieġ approċċ differenti għal bjar taż-żejt u tal-gass mhux attivi abbandunati u bjar inattivi kompletament magħluqa u ssiġillati u pproponew definizzjonijiet għal dawn it-termini. Għal bjar abbandunati, l-emissjonijiet tal-metan jistgħu jiġu rrapportati kull sena. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' bjar inattivi magħluqa u ssiġillati kompletament, il-miżuri ta' kontroll għandhom ikunu aktar flessibbli u mmirati, peress li t-tnixxijiet fil-parti l-kbira ta' dawn il-każijiet kienu mistennija li jkunu neglijibbli. Approċċ flessibbli u mmirat kien meqjus meħtieġ ukoll fil-każ tal-bjar lil hinn mill-kosta, minħabba l-kostijiet tal-monitoraġġ u r-rapportar annwali. Għal bjar fuq l-art, ġie indikat li ħafna postijiet ma kinux għadhom aċċessibbli minħabba l-kostruzzjoni ta' bini fuq siti ta' estrazzjoni preċedenti.

### Spezzjonijiet (Artikolu 6)

15. Diversi delegazzjonijiet talbu li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu spezzjonijiet abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-installazzjonijiet, li ġiet introdotta fir-REV1. Madankollu, din il-valutazzjoni tista' tiġi speċifikata kemm fil-forma tagħha kif ukoll fil-kontenut tagħha. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, kemm għall-operatur kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti, diversi delegazzjonijiet talbu li titnaqqas il-frekwenza tal-ispezzjonijiet perjodiċi sabiex jiġu adattati għall-isfidi tal-installazzjonijiet ikkontrollati.

#### Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan (Artikolu 10)

16. Fir-rigward tar-rwol tal-Osservatorju, diversi delegazzjonijiet innotaw il-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kompetenzi bejn il-verifikaturi nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ara l-Artikolu 8). F'dan il-kuntest, ġiet stabbilita l-leġittimità tal-assenjazzjoni tal-kompiti ta' verifika lill-osservatorju, mingħajr madankollu ma jiġi ddubitat il-valur ta' kompiti oħra tal-osservatorju, bħall-aggregazzjoni tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan u l-pubblikazzjoni ta' data aggregata.

#### Monitoraġġ u rapportar (Artikolu 12)

17. Id-delegazzjonijiet esprimew preferenza għal miżuri fil-livell tas-sit biss fejn l-emissjonijiet ta' installazzjoni jaqbu limitu minimu biex jiġu evitati sforzi sproporzjonati ta' rapportar f'każ ta' sorsi ta' emissjonijiet baxxi ħafna. Dan huwa konformi mal-prinċipju ta' importanza relattiva (materjalità) li jinsab fl-OGMP 2.0. Minbarra l-miżuri diretti, intalbu emendi għat-test biex tiġi èċarata l-possibbiltà li jintużaw tekniki differenti ta' kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet f'każijiet fejn il-miżuri diretti jkunu impossibbli jew partikolarment għaljin.

#### Detezzjoni u tiswija tat-tnixxijiet (Artikolu 14)

18. Minn perspettiva Ewropea, il-Kummissjoni tista' tingħata l-mandat biex tiżviluppa, f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), metodoloġija komuni. Għad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet, id-delegazzjonijiet ipproponew approċċ ibbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskju.

Fir-rigward tal-għażla tal-limitu ta' 500 ppm magħżul għad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet, diversi Stati kellhom dubji dwaru jew ressqu problemi ta' kejl u metodoloġija assoċjati.

#### Ivventjar u vvampjar (Artikolu 15)

19. Id-delegazzjonijiet talbu regoli aktar flessibbli dwar l-ivventjar u l-ivvampjar sabiex jittieħed kont tar-rekwiżiti differenti għall-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore jew dawk iddettati mis-sikurezza tal-ħaddiema u s-sigurtà tal-provvista. Ġew proposti wkoll limiti għal ivventjar ulterjuri, sabiex jiġu evitati kostijiet ta' ġestjoni meqjusin sproporzjonati.

#### Bjar inattivi (Artikolu 18)

20. Diversi Stati kienu xettiċi dwar il-fattibbiltà tal-miżuri jew talbu kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni.

#### Tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tal-faħam (Kapitolu 4 - Artikoli 19 sa 26)

21. Xi Stati esprimew riżervi dwar il-kost ta' dawn il-miżuri għall-minjieri tal-faħam li mhumiex attivi jew li huma ppjanati li jingħalqu fi żmien qasir.

22. Intalbu wkoll derogi mill-Istati Membri minħabba n-natura speċifika tal-minjieri li fihom huma qiesu li l-ivventjar jew l-ivvampjar kien meħtieġ.

#### Importazzjonijiet ta' metan minn barra l-UE (Kapitolu 5 - Artikoli 27 sa 29)

23. Xi delegazzjonijiet appoġġaw id-dispożizzjonijiet fid-dawl tal-ħtieġa ta' trasparenza tal-informazzjoni trazzmessa. Madankollu, tqajmu mistoqsijiet dwar il-kapaċità u r-responsabbiltà tal-importaturi li jirkupraw din id-data, iżda wkoll dwar l-affidabbiltà tagħhom.